

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1038/2008**tat-22 ta' Ottubru 2008****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 fir-rigward tal-limiti tal-qbid għall-istokk tal-laċċ ikħal fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ICES IIa u IV**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jstabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limitazzjonijiet tal-qbid ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Limiti preliminari għall-qbid għal-laċċ ikħal fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ICES IIa u IV huma stipulati fl-Annessi IA tar-Regolament (KE) Nru 40/2008.
- (2) Skond l-Artikolu 5(5) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-limiti tal-qbid fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura matul l-ewwel semestru ta' l-2008.
- (3) Fid-dawl ta' l-informazzjoni xjentifika miġbura fl-ewwel semestru ta' l-2008, il-limiti tal-qbid għal-laċċ ikħal fiż-żoni konċernati għandhom jiġu aġġustati.

(4) Il-laċċ ikħal hija speċi li ma tgħix għal żmien twil. Għaldaqstant, il-limiti tal-qbid għandhom jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun, sabiex jiġi evitat dewmien li jista' jwassal għal sajd żejjed ta' l-istokk.

(5) L-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 40/2008 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

ANNEX

Fl-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 40/2008,

L-annotazzjoni dwar l-istokk tal-laċċ ikħal fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni ICES IIa u IV għandha tinbidel b'li ġej:

| "Speċi: Laċċ ikħal <i>Sprattus sprattus</i> | Żona: l-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa u IV SPR/2AC4-C |
|--|---|
| Il-Belġju | 1 729 |
| Id-Danimarka | 136 826 |
| Il-Ġermanja | 1 729 |
| Franza | 1 729 |
| L-Olanda | 1 729 |
| L-Iżvezja | 1 330 ⁽¹⁾ |
| Ir-Renju Unit | 5 705 |
| Il-KE | 150 777 |
| In-Norveġja | 10 063 ⁽²⁾ |
| Il-Gżejjer Faroe | 9 160 ⁽³⁾ ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾ |
| TAC | 170 000 |

TAC Prekawzjonali
 L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.
 L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
 L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.

⁽¹⁾ Inkluż iċ-ċiċirell.

⁽²⁾ Jistgħu jinqabdu biss fl-ilmijiet tal-KE taż-żona ICES IV.

⁽³⁾ Din il-kwantità tista' tiġi mistada fiż-żoni ta' l-ICES IV u VIa fit-Tramuntana ta' 56°30'N. Kwalunkwe qabdiet inċidentali ta' stokkafixx għandhom jinqatgħu mill-kwota għall-istokkafixx stabbilita għaż-żoni ta' l-ICES VIa, VIb u VII.

⁽⁴⁾ Jistgħu jinqabdu 1 832 tunnellata bħala aringi fis-sajd bi xbieki bil-qies tal-malji iżgħar minn 32mm. Jekk il-kwota ta' 1 832 tunnellata ta' aringi tiġi eżawrita, is-sajd kollu bi xbieki bil-qies tal-malji iżgħar minn 32mm huwa pprojbit.

⁽⁵⁾ Qabdiet li jsiru fis-sajd ta' monitoraġġ, li jikkorrispondu għal 2 % ta' l-isforz li jsir mill-Istati Membri u sa massimu ta' 2 500 tunnellata jistgħu jkunu iċċiċirell."